MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2010

Numru. 792/2000
Kawza Numru. 30

**Il-Pulizija**
**Spettur Alexander Paul Miruzzi**

**vs**

**Brian Vella**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Brian Vella ta' 29 sena, imwieled Zabbar fis-6 ta' Frar, 1971, bin Anthony u Carmen nee' Barbara u residenti 'Vella House' Triq il-Kappar, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita' numru 119571(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fil-granet ta' qabel it-28 ta' Lulju, 2000 f'dawn il-Gzejjer seraq cheque tal-HSBC (Malta) Bank plc ghad-detriment tal-istess bank kif ukoll ta' BPC International Limited u ta'

Paola Hibernians F.C. Nursery, liema serq u aggravat bl-ammont tal-haga misruqa. Dan bi ksur tal-Artikoli 261 u 267 tal-Kap. 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess dati, lok u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehudha b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom. Dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali Kap. 9 Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess dati, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingan, jew billi wera haga b'ohra sabiex tigi emmnuta l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn mitejn Liri Maltin (Lm200) bi hsara ta' haddiehor jigifieri ta' BPC International Limited, Paola Hibernians F.C. Nursery u HSBC Malta Bank plc. Dan bi ksur tal-Artikolu 308 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess dati, lok u cirkostanzi bi hsara ta' haddiehor, ghamel xi qligh iehor b'qerq, mhux msemmi taht it-Titolu IX tas-Sub-Titolu III. U dan bi ksur tal-Artikolu 309 tal-Kap. 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess dati, lok u cirkostanzi iffalsifika ceduli, poloz, ordnijiet jew dokumenti ohra, illi meta gew prezentati wiehed ircieva hlas bihom jew ha kunsinna ta' oggetti, jew gabar depoziti jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern. Dan bi ksur tal-Artikolu 167 tal-Kap. 9 Kodici Kriminali Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess dati, lok u cirkostanzi ghamel uzu minn wahda mill-karti imsemmija fl-artikoli 166, 167 u 168. Dan bi ksur tal-Artikolu 169 tal-Kap. 9 Kodici Kriminali.

Fl-istess dati, lok u cirkostanzi ghamel uzu minn wahda mill-karti imsemmija fl-artikoli 166, 167 u 168. Dan bi ksur tal-Artikolu 169 tal-kap. 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess dati, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw. Dan bi ksur tal-Artikolu 183 tal-Kap.9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess dati, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza. Dan bi ksur tal-Artikolu 184 tal-Kap 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess dati, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti msemmija fl-Artikolu 185 u dan bi ksur tal-Artikolu 186 tal-Kap 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess dati, lok u cirkostanzi b'wiehed mill-mezzi msemmija fl-artikolu 179 ghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata li ghamlet hsara lil xi persuna, jigifieri lill-HSCB Malta Bank p.l.c., BPC International Limited u lil-Paola Hibernians F.C. Nursery jew gabilhom utli u dan bi ksur tal-Artiklu 187 tal-Kap. 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess dati, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra, jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel dan it-Titolu, jigifieri l-Artikolu 189. Dan bi ksur tal-Artikolu 189 tal-Kap. 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 24 ta' Novembru 2000 (esebit *a folio* 16 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Semghat il-provi;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet finali prezentata mill-Prosekuzzjoni.

Rat illi d-Difiza naqset mili tipprezenta in-Nota ta' Sottomissjonijiet finali taghha entro t-terminu lilha prefiss.

Ikkunsidrat:

Illi l-fati ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fit-28 ta' Lulju 2000 il-Pulizija rceviet rapport minghand certu George Demajo in rapprezentanza tal-Paola Hibernians Football Club fejn dan allega li cheque tal-Mid Med Bank Limited bin-numru 3754 li kien mahrug minn BPC International Limited favur il-Paola Hibernians Football Club li kien fl-ammont ta' Lm280.50 u li kien intbaghat bil-posta kien gie misruq. Wara li l-Paola Hibernians Football Club baqghu qatt ma rcevew il-pagament li kien dovut lilhom minn BPC International Limited huma ghamlu l-verifiki taghhom u skoprew li dan ic-cheque kien fil-fatt intbaghat lilhom bil-posta u kien gie imsarraf minn terzi. Wara li giet ottenuta kopja tac-cheque mill-Bank seta' jigi konstatat li fuq wara tac-cheque kien hemm it-timbru tal-Hibernians Football Nursery Club u li kien hemm firma allegatament falza, u cioe' li ma kienet tappartjeni lil hadd mir-rapprezentanti tal-Paola Hibernians Football Club. Meta l-Pulizija bdiet taghmel l-investigazzjonijiet taghha u baghtet ghal George Falzon, wiehed mill-persuni li kienet tidher il-firma u n-numru tal-karta tal-identita' tieghu fuq il-wara ta' dan ic-cheque, dan spjega li ic-cheque kien gie mghoddi lilu minn certu Brian Vella sabiex jissarraf u meta huwa qallu li peress li c-cheque kien pagabbli lil Paola Hibernians Football Club kien mehtieg it-timbru tal-club qabel ma jissaraf ic-cheque, Brian Vella ha c-cheque lura u wara ftit tal-hin rega' prezentah sabiex jissarraf bit-timbru tal-Paola Hibernians Football Club u f'dak l-istadju Falzon sarraf ic-cheque. Mix-xhieda tal-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur l-Ispettur Miruzzi (traskrizzjoni relattiva inserita a fol. 19 sa 23 tal-process) jirrizulta li meta l-Pulizija kelmet lill-imputat huwa qal li ma kienx sarraf ic-cheque in kwistjoni u qal ukoll li dan ic-cheque kien gie mghoddi lilu minghand terza persuna li isimha ma

kienx jiftakru u dan ghaliex huwa kien ghamillu xi tiswijiet fil-vettura tieghu izda huwa ma kienx f'posizzjoni li jaghti nformazzjoni ulterjuri dwar din it-terza persuna.

George Falzon xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-4 ta' Lulju 2008 fejn ikkonferma dak kollu li kien qal lil Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijet izda huwa ma kienx f'posizzjoni jiddentifika lill-imputat bhala l-persuna li prezentatlu c-cheque in kwistjoni sabiex jigi msarraf.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat jinsab addebitat b'diversi imputazzjonijiet fejn jinsab akkuzat bir-reati ta' serq kwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa, b'ricettazzjoni, bi truffa u frodi nnominata kif ukoll bir-reat ta' falsifikazzjoni. Il-Qorti jidrilha li ebda wahda mill-akkuzi migjuba mill-Prosekuzzjoni ma tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-ligi fil-konfronti tal-imputat stante li kif ghadu kemm intqal fil-paragrafu precedenti George Falzon li kien l-unika xhud li seta' jiddentifika l-imputat bhala l-persuna li marret ghandu u prezentatlu c-cheque sabiex jissarraf naqas milli jaghmel dan. Irid inoltre jigi rilevat li f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni ghazlet li taghlaq il-provi taghha (vide verbal tal-udjenza tad-29 ta' Ottubru 2009) minghajr ma produciet bhala xhud lill-espert kaligrafu Martin Bajada li kien gie mahtur bhala tali fl-udjenza tat-13 ta' April 2007 sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn il-firma tal-imputat li kienet fuq l-istqarrija minnu rilaxxjata u l-kopja tac-cheque in dizamina u dan wara li saret id-debita talba ghan-nomina tal-espert mill-Prosekuzzjoni. L-espert kaligrafu li kien irtira l-imsemmija dokumenti sabiex jespleta l-inkarigu lilu moghti baqa' ghalhekk qatt ma prezenta r-relazzjoni tieghu u l-anqas ma rritorna d-dokumenti minnu rtirati.

Il-Qorti jidrilha li minn imkien mil-provi migjuba mil-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz ma jirrizulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li kein l-imputat odjern li seraq jew altrimenti rcieva ic-cheque li kien jaf li huwa misruq jew li ffalsifika xi firma fuq l-istess cheque.

Ghal dawn il-motivi l-imputat qed jigi dikjarat mhux hati tal-akkuzi kolllha migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------